MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 409/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Settembru 1995 u minn tali zwieg kellhom tifel, Gianni li llum ghandu hmistax-il sena (15);
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dottor Nicholas Vella tal-21 ta’ Marzu 2000 (Dokument “A”)
3. Illi l-manteniment tal-imsemmi minuri huwa regolat bl-istess kuntratt permezz tal-artikolu 4(i) tal-istess u l-esponenti dejjem mantna u ghadu qed imantni lill-istess minuri;

4. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba’ snin ma jghixux flimkien u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat principalment l-artikolu numru 5 il-mara ddikjarat illi hija ddekadiet mid-dritt li titlob l-manteniment minghand zewgha;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha ippremettiet :

Illi fil-proceduri odjerni zewgha qed jitlob lil din il-Qorti toppronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet kienu izzewgu fit-23 ta’ Settembru 1995 u miz-zwieg taghhom twieled tifel wiehed Gianni fl-4 ta’ Gunju 1997;

Illi ai termini tal-klawsola 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet, fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella datat 21 ta’ Marzu 2000, ir-ragel kien obbliga ruhu li jhallas lil martu manteniment ghat-tifel tal-partijiet Ganni, fis-somma ta’ LM 15 u cjoe 35 Ewro hamsa u tletin Ewro, fil-gimgha;

Illi nonostante l-obbligu assunt minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni, il-manteniment dejjem jithallas tard, fil-fatt il-mara trid toqghod tigri warajh u ghalhekk dejjem bil-battikati;

Illi fil-fatt sal-bierah stess, ghal dawn l-ahhar tlettax-il gimgha huwa m'onorax l-obbligu tieghu u ma hallasha xejn manteniment, liema arretrati ghalhekk kienu jammontaw ghal xejn inqas minn 455 erba' mija hamsa u hamsin Ewro;

Illi illum stess wara tlettax-il-gimgha, hija irceviet cheque ta' 300 Ewro, izda dan ma jkopriex il-manteniment kollu dovut;

Illi il-fatt li jhallas il-manteniment xhur tard jirrikorri ta' spiss;

Illi jekk fil-mori tal-proceduri odjerni, hu jiddeciedi li jhallas l-arretrati, il-manteniment taghha ghandu jigi zgurat b'garanzija xierqa u dan ai termini tal-artikolu 66 I (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi stante li bi hsiebu jerga' jizzewweg, ikun xieraq li l-garanzija tinghata minnu, ghax ikun iktar difficli li l-intimata tikseb minghandu il-hlas tal-manteniment;

Illi hu ghandu sitwazzjoni finanzjarja tajba u galhekk garanziji mhux ser tohloq problemi ghalih;

Illi jista' jkun hemm ordni li l-manteniment jithallas permezz ta' standing order direttament fil-kont bankarj taghha u f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, ikun obbligat li jaghmel il-garanzija;

Illi hu huwa self employed ghalhekk il-manteniment ma jistax jinqata' direttament mill-paga tieghu;

Illi l-manteniment ta' 35 Ewro fil-gimgha hu wiehed baxx hafna u certament ma jkopriex sehemu mill-ispejjez reali ghall-manteniment tat-tifel li illum ghandu hmistax-il sena;

Illi hija taqbel li m'hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, taqbel li huma ilhom separati ghal iktar minn erba' snin u cjoe il-perjodu kontemplat fil-ligi ghat-talba ghal hall taz-zwieg, u li hija kienet fuq il-

kuntratt iddekadiet mid-dritt ghall-manteniment ghaliha stante li hi tahdem;

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-intimata tirrileva illi l-hall taz-zwieg jista' jigi ippronunzjat biss jekk ihallasha l-arretrati kollha dovuti u jaghtiha l-garanzija ai termini tal-ligi jew jigi ordnat minn din il-Qorti jhallas il-manteniment permezz ta' standing order direttament fil-kont bankarju taghha u fin-nuqqas tiskatta l-garanzija;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Dicembru 2012;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Marzu, 2000 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni l-intimata iddekadiet mid-dritt li titlob, jew tircievi manteniment minghand ir-rikorrenti u rat ukoll illi ir-rikorrenti ghamel standing order mill-bank sabiex il-manteniment illi ghandu jhallas lill-intimata ghal binhom minuri jibda jithallas bi standing order;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------